## QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 19 ta' Ottubru 2017**

Rikors ta' Revoka Nru. 43 / 17RGM

Kawza fil-lista: 26

**X Y**
**vs**
**A B**

**Il-Qorti,**

Rat mill-gdid ir-rikors ta' A B tat-23 ta' Frar 2017 fejn talab ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni limitatament in kwantu jolqot id-dghajsa M.V. San Carlos I "sabiex b'hekk il-kumpanija A B Limited tkun tista' tittrasferixxi d-dghajsa lil terzi bla ebda korrispettiv sabiex din tigi skrappjata."

Rat ir-risposta ta' X Y tal-10 ta' April 2017 fejn topponi ghar-rikors u titlob illi jekk il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent, l-istess rikorrent ghandu jigi ordnat jiddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti ammont ekwivalenti ghall-prezz registrat fuq il-konvenju rigward id-dghajsa.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April 2017.

Rat ir-rikors ta' A B tat-2 ta' Awissu 2017.

Rat ir-risposta ta' X Y tal-21 ta' Awissu 2017.

Rat l-atti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2017.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghal provvediment.

Ikkonsidrat;

Ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 202/05 minn fuq id-dghajsa M V San Carlos I billi jinvoka Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 li jistipula illi

***836.***
***(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħ arġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***

***- omissis -***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.***

Ikkonsidrat;

In tema legali, gie ritenut illi sabiex talba imsejsa fuq dan is-sub inciz tigi akkolta jehtieg li jirrizulta, mad-daqqa t'ghajn, minghajr htiega ta' indagini profonda, illi tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ma jkunx ghaqli li tali mandat jew parti mill-effetti tieghu jinzammu fis-sehh, jew li mhux aktar mehtieg jew gustifikat. Il-frazi "ma jkunx ragonevoli" giet interpretata li tinkludi wkoll konsiderazzjoni jekk it-tnehhija tal-mandat tippregudikax il-pretensjonijiet tal-ezekutant.

Issir referenza ghad-digriet dwar talba ghar-revoka ta' mandat fl-ismijiet "**Raymond Meli vs David Meli pro et noe**"[1] fejg gie *inter alia* trattat dan is-sub-inciz invokat mir-rikorrent:-

"Biex tirnexxi talba taħt din il-kawżali, irid jintwera mad-daqqa t'għajn li, minħabba ċirkostanzi partikolari, ma jkunx iżjed għaqli jew meħtieġ li l-Mandat jinżamm fis-seħħ bla ebda ħsara għall-pretensjonijiet tal-eżekutant. Biex il-Qorti

[1] PA - 29.02.2008

tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;"

Fid-digriet fl-ismijiet **Av. Carmelo Castelli noe v. Focal Maritime Services et** [2] intqal illi:

"Skond l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv, jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed prima facie u l-Qorti m'ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-mertu tal-kawza bhal jekk is-sekwestrat huwiex legittimu kontradittur tas-sekwestrant";

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi d-dghajsa MV Carlos I tappartjeni lis-socjeta' **A B Limited** li taghha r-rikorrent huwa 'sole director' u azzjonist maggoritarju.[3] Hija gurisprudenza nostrana kostanti illi "ebda prova ma hija attendibbli biex jigi stabbilit min huwa r-*registered owner* ta' bastiment hlief ic-certifikat tal-Bill of Sale" ("**Joseph Bugeja -vs- Joseph Bartolo et**", Qorti tal-Kummerc, 10 ta' Jannar 1950).

L-intimta tallega illi d-dghajsa inxtrat b'fondi tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan hu parti mill-mertu tal-kawza pendenti bejn il-partijiet li mhux ser jigi trattat f'din id-decizjoni/digriet ghaliex fi proceduri simili l-Qorti hi prekluza milli titratta il-mertu. Il-Qorti lanqas hija mistenna li taghmel indagini profonda fir-rigward ta' dak li jigi allegat izda huwa sufficjenti li tistrieh fuq dak li jirrizulta prima facie.

Jirrizulta:

1. Illi l-istat tad-dghajsa de quo tant iddeterjora illi llum ma hux rakkomandabbli illi tissewwa.[4]

2. Illi s-socjeta' tar-rikorrenti qed tinkorri spejjez sabiex id-dghajsa tinzamm.

3. Ili in forza ta' konvenju datat 15 ta' Marzu 2011 is-socjeta tar-rikorrent, A B Limited, intrabtet li tbiegh lis-socjeta' Suprem Travel Limited, id-dghajsa San Carlos I ghall-prezz ta' tnejn u sittin elf ewro (€62,000). Dan il-bejgh ma sehhx u

[2] PA - 26.04.2002
[3] Ara c-certifikat rilaxxjat mill-Merchant Shipping Directorate (fol. 12)
[4] Ara rapport tal-Inginier Kurt Gutteridge (fol 7)

s-socjeta' A B Limited istitwit kawza kontra s-socjeta' Suprem Travel Limited fejn talbet li tigi ordnata taddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh tad-dghajsa San Carlos I u naturalment thallas il-prezz pattwit, (Citaz. Nru. 880/11SM), liema kawza giet deciza billi t-talbiet tas-socjeta' A B Limited gew michuda. [5]

4. Illi b'digriet moghti fis-27 ta' Gunju 2011 minn din il-Qorti diversament presjeduta il-Qorti gia kienet laqghet it-talba tar-rikorrent imsejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 sabiex "Tirrevoka 'contrario imperio' il-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi numru 202/05 ghal dak li jikkoncerna l-M.V. San Carlos I." Mar-revoka in parte tal-mandat ta' inibizzjoni numru 202/05 f'dak li jirrigwarda d-dghajsa M.V. San Carlos I, il-Qorti laqghet ukoll it-tieni talba fis-sens illi "Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex ibiegh id-dghajsa M.V.San Carlos I, ai termini tal-konvenju fuq imsemmi, skond il-provvedimenti xierqa li jidhrilha dina l-Onorabbli Qorti;"

Ikkonsidrat

Id-digriet tas-27 ta' Gunju 2011 ma giex sallum revokat u allura jsegwi illi mhux mehtieg li l-Qorti terga ghal darb'ohra tordna ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 202/05 fir-rigward tad-dghajsa de quo aktar u aktar meta r-revoka gia giet ordnata ai termini tal-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12, l-istess sub-inciz invokat fir-rikors in dizamina.

Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tevalwa jekk jezistux ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti tiddeciedi li ma hux ragjonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh jew li mhux aktar mehtieg jew gustifikat. Tali decizjoni gia ittiehdet minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sena 2011. Appena huwa necessarju jinghad illi minn tali decizjoni/digriet ma hemmx dritt ta' appell. [Vide. Appell Superjuri - Rikors ghar-Revoka tal-Mandat nru 1902/14 fl-ismijiet **GO plc. Vs Natralino Zammit** fejn il-Qorti ddikjarat l-appell invalidu.][6]

Stabbilit illi l-effetti tal-mandat kawtelatorju gia' jinsabu imnehhija minn fuq id-dghajsa de quo bil-kondizzjoni imposta fid-digriet tal-2011; il-Qorti sejra tqis ir-rikors odjern bhala talba ghall-varjazzjoni tal-kondizzjoni fid-digriet tas-27 ta' Gunju 2011 fis-sens illi l-bejgh tad-dghajsa gia ordnat ma jibqax marbut bil-kondizzjoni illi d-dghajsa tinbiegh fit-termini tal-konvenju bejn is-socjeta' tar-rikorrenti u terzi. Kif rajna, dak il-konvenju bejn is-socjeta' tar-rikorrenti u terzi m'ghaduxvinkolanti bis-sahha tas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2016 li minnha ma jirrizultax li kien hemm appell.

---

[5] A B Limited vs Suprem Travel Limited (citaz 880/11SM) - PA - 25.05.16.

[6] Appell nru 1123/2014/1 - deciz 29.05.2015

Ghaldaqstant jehtieg biss illi jigu varjati l-kondizzjonijiet imposti bid-digriet tas-sena 2011 tenut kont is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016.

Dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex id-dghajsa tigi trasferita "lil terzi bla ebda korrispettiv sabiex din tigi skrappjata", il-Qorti hi tal-fehma illi xi valur din id-dghajsa ghandha. L-Inginier Kurt Gutteridge fir-rapport tieghu tat-13 ta' Frar 2017[7] jghid hekk:-

"At the request of Mr A B, the undersigned has surveyed the passenger boat San Carlos I, whilsst afloat at Sliema, Malta. The survey was carried out on 09th February, 2017, in order to establish the present condition of the vessel and comment in relation to its fitness for use.

The passenger vessel San Carlos I is currently non-operationally registered in the port of Valletta, Malta and is understood to have been lying afloat in this location without any valid certification for a period of about two years. The owner claimed that the vessel has been hauled ashore 3 years ago at Manoel Island Yacht Yard where extensive planking works were made by a qualified carpenter and the entire hull was re-caulked as required to make the vessel completely watertight. The vessel has been maintained floating in Sliema for the last 6 years and its two inboard engines were last run about one year ago"

"Based on the above, the undersigned finds that the vessel is not safe for any navigation and that the present deteriorated condition would constitute an evident hazard to anybody operating her. Furthermore the hull condition above the waterline, as inspected, presents clear signs of excessive deterioration that would need to be addressed without any delay in order to bring the hull back to watertight condition. It is also reasonable to expect similar deterioration below the waterline in view of the considerable water seepage being experienced at present.

4.0 RECOMMENDATIONS

Based on the above, it is recommended that the following steps be implemented:

Rec 01 The vessel be docked or hauled out in order to mitigate further damages or possible loss of the vessel, given the present state.

Rec.02 Assessment and costing of the repairs necessary towards re-instating watertightness once the vessel is out of water.

5.0 CONCLUDING REMARKS

---

[7] Fol. 7

The vessel is being declared as hulk in its present state. In view of the required repair extent, the undersigned at this stage, would not exclude these being considerably more than the economic value of the vessel itself. Thus, it is likely that the vessel may be declared as a constructive total loss."

Ikkonsidrat;

Il-fatt li l-Inginier Gutteridge icccertifika illi l-ispejjez riparatorji jistghu jeccedu il-valur ekonomiku tad-dghajsa mhux necessarjament ifisser illi id-dghajsa fil-prezent m'ghandha l-ebda valur tenut kont illi skond l-istess rapport tlett snin ilu d-dghajsa ittellet mill-bahar "where extensive planking works were made by a qualified carpenter and the entire hull was re-caulked as required to make the vessel completely watertight."

**Decide.**

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi rikors ta' A B tat-23 ta' Frar 2017 u tiddisponi mir-risposta ta' X Y bil-mod segwenti:-

1. Tastjeni milli tiddeciedi t-talba ghar-revoka in parte tal-mandat numru 202/05 stante li tali talba gia' giet akkolta bid-digriet tas-27 ta' Gunju 2011.

2. Tilqa' parzjalment it-talba ghat-trasferiment tad-dghajsa billi contrario imperio tvarja d-digriet tas-27 ta' Gunju 2011 fis-sens illi tirrevokah in kwantu jirreferi ghall-bejgh fit-termini tal-konvenju fuq imsemmi; u minflok tordna li d-dghajsa tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jigi depozitat f'kont bankarju kongunt taht il-kontroll esklussiv ta' l-avukati tal-partijiet.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**